## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 326/2021: **DAVID BONETT (KI. 184368M) U ISABEL BONETT (KI. 95970M) V. ROMEO SCHEMBRI (KI. 687534M) U JOSEPHINE SCHEMBRI (KI. 76934M)**

(AMMONT DOVUT – AMMISSJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**6 ta' Ġunju 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' David Bonett u Isabel Bonett ("ir-rikorrenti") ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2021 li permezz tiegħu talbu lil Romeo Schembri u Josephine Schembri ("l-intimati") jgħidu 'l għaliex m'għandhomx, jew min minnhom, jiġu kkundannati minn din il-Qorti biex iħallsu s-somma kumplessiva ta' għaxart elef Euro (€10,000) rappreżentanti d-depożitu li tħallas lilhom fuq konvenju relatat mal-proprjetà 105, Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa flimkien mal-garaxx sottostanti għall-istess fond imsemmi però distint minnu bin-numru uffiċċjali 104 fi Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa datat it-2 ta' Marzu 2018 fil-preżenza tan-Nutar Dr. Sean Critien u li skada nhar is-27 ta' Frar 2020 b'dan li l-kuntratt ta' trasferiment favur il-mittenti qatt ma sar, u stante n-nuqqas tagħhom li jħallsu lura l-istess ammont imsemmi kif inhuma obbligati jagħmlu stante li l-konvenju skada u t-trasferiment qatt ma sar anki wara li ġew debitament interpellati diversi drabi anke permezz t'ittra uffiċċjali ai termini tal-Artikolu 166A li huma kkontestaw. Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati nġunti għas-subizzjoni inkluż dawk tal-ittra uffiċjali msemmija u bl-imgħax mid-data tal-istess imsemmija ittra uffiċċjali sad-data tal-pagament effettiv,

wara li rat in-nota t'ammissjoni ppreżentata mill-Avukat Dr. Henry Antoncich għan-nom tal-intimati fis-seduta tas-6 ta' Ġunju 2022,

wara li rat l-atti kollha li laħqu ġew ippreżentati fil-proċess tal-kawża,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Ir-rikorrenti kienu daħlu f'konvenju[1] mal-intimati fit-2 ta' Marzu 2018 u permezz tiegħu kienu ntrabtu li jixtru u jakkwistaw mingħand l-istess intimati li min-naħa tagħhom kienu ukoll intrabtu li jbiegħu u jittrasferixxu lir-rikorrenti il-fond enumerat105 fi Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa flimkien mal-garaxx sottostanti għall-istess fond imsemmi però distint minnu bin-numru uffiċċjali 104 fi Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa.

2. Fil-konvenju l-partijiet ftehmu fost affarijiet oħra illi l-prezz ta' mitejn u għoxrin elf euro (€200,000) jitħallas fuq il-kuntratt finali u li l-konvenju kien validu għal sena. Kuntrarjament għal dak li jsir is-soltu, ma' tniżżlet l-ebda klawżola fil-konvenju fir-rigward ta' xi depożitu li kien qed jitħallas mir-rikorrenti qua kompraturi prospettivi.

3. Jidher li dan il-konvenju skada u la l-vendituri prospettivi u lanqas ix-xerrejja prospettivi ma' ttentaw jagħmlu xi ħaġa sabiex jżommuh ħaj.

4. Ir-rikorrenti qed jippretendu li jiġi rifuż lilhom is-somma ta' €10,000 li skond huma ħallsu lill-intimati bħala depożitu. L-intimati ma' opponewx it-talbiet tar-rikorrenti minkejja l-ordni *in camera* ta' din il-Qorti sabiex jagħmlu dan entro għoxrin ġurnata min-notifika. Mill-atti jidher illi wara li r-rikorrenti ppreżentaw ittra uffiċjali taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-intimati għar-rifużjoni tal-imsemmi depożitu[2], dawn tal-aħħar ippreżentaw nota responsiva li fiha ċaħdu li għandhom jħallsu dan l-ammont lura mhux għax id-depożitu ma' kienx effettivament tħallas lilhom iżda għaliex skond huma kienu r-rikorrenti nfushom li kien reġa' bdielhom u ddeċidew li ma' jersqux għall-kuntratt finali.

5. Il-Qorti hija għalhekk konvinta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet illi minkejja li fuq il-konvenju ma' ssemma l-ebda depożitu, dan effettivament kien ingħata u kien fl-ammont imsemmi ta' għaxart elef euro.

6. Fl-ewwel seduta, ċioe dik tas-6 ta' Ġunju 2022, l-intimati ppreżentaw nota t'ammissjoni *"li biha jammettu t-talba attriċi kif dedotta"*[3].

---

[1] Fol 2-3
[2] Fol 4-7
[3] Fol 19

7. Din l-ammissjoni la kienet kwalifikata u lanqas magħmula b'xi kundizzjonijiet u għalhekk anke fuq l-iskorta tal-massima *confessio facta in judicio omni probatione major est* it-talbiet tar-rikorrenti jirriżultaw ġustifikati u jimmeritaw konferma.

**Deċiżjoni**

8. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u:**

    1. **Tiddikjara li l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) rappreżentanti d-depożitu li tħallas lilhom fuq konvenju relatat mal-fond numru105, Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa flimkien mal-garaxx sottostanti għall-istess fond imsemmi però distint minnu bin-numru uffiċċjali 104 fi Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa datat it-2 ta' Marzu 2018 fil-preżenza tan-Nutar Dr. Sean Critien u li skada nhar is-27 ta' Frar 2020,**

    2. **Tikkundanna lill-intimati jħallsu lura lir-rikorrenti dan l-ammont flimkien mal-imgħax kif mitlub,**

    3. **Fir-rigward tal-ispejjeż ta' din il-kawża kif ukoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali msemmija, dawn jkunu a karigu tal-intimati.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |